MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Rikors Numru. 691/2007

**GO p.l.c.**

**vs**

**Robert James**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat mis-socjeta' rikorrenti Maltacom plc illum GO p.l.c. fis-26 ta’ Gunju 2007 fejn gie premess:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni Nru 2640/98 FGC) giet deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 1999, fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat ihallas lill-Maltacom plc is-somma ta' elf, mija, sebgha w erbghin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM1,147.21) (ekwivalenti ghall-€2672.28), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 345318, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre mitejn u disa' Liri Maltin u hamsa w erbghin centezmu (Lm209.45) (ekwivalenti ghall-€487.89) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll sitt mija, tmienja u sebghin Liri Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM678.55) (ekwivalenti ghall-€1580.60), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-10 ta' Dicembru, 1999, id-data tas-sentenza, sat-8 ta' Mejju, 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' elfejn, hamsa u tletin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (LM2,035.21) (ekwivalenti ghall-€4740.76) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta' esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 et *sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-intimat notifikat ma pprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors.

Rat li l-PL Noel Scerri ghas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-ammont indikat fir-rikors ghadu kollu dovut u li ma thallas xejn fil-mori ta’ dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza Citazzjoni Nru 2640/98 FGC li giet deciza minn din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 1999 fl-ismijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------